MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 1902/2001/2

**Valle Del Miele Limited**

**v.**

**Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapacita` taghhom ta' *partners* tal-kumpanija Deloitte & Touche Certified Public Auditors & Accountants**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fl-20 ta' Dicembru 2001 li tghid hekk:

“Peress illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` Price Club Operators Limited fis-somma ta’ mija u hamsin elf, mitejn, tlieta u sittin Liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm150,263.26) rapprezentanti din is-somma prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lil diversi stabbilimenti gestiti u/jew amministrati mis-socjeta` Price Club Operators Limited.
“Peres illi sal-ahhar ta’ Settembru 2000 dan il-kreditu kien diga` jammonta ghal tmienja u sebghin elf, mitejn u tlieta u disghin Liri Maltin (Lm78,293).

“Peress illi l-konvenuti kienu inkarigati sabiex ihejju l-*audit report* tas-socjeta` Price Club Operators Limited a bazi tal-*accounts*, liema *audited accounts* kienu ffinalizzati u ffirmati mill-konvenuti fit-30 ta’ Gunju 2000.

“Peress illi sadanittant is-socjeta` Price Club Operators Limited ziedu sostanzjalment l-ordnijiet ghax-xiri ta’ prodotti minghand is-socjeta` attrici.

“Peress illi, qabel ma ddecidew li jkomplu jissuplixxu lis-socjeta` Price Club Operators Limited, is-socjeta` attrici hadet konjizzjoni tal-*accounts* tal-imsemmija socjeta` ipplublikati fit-13 ta’ Settembru 2000 u dan sabiex tiddetermina l-qaghda finanzjarja tal-istess socjeta`.

“Peress illi, in vista tal-fatt li l-*accounts* u r-rapport tal-awdituri maghmul minghajr ebda kwalifika tal-konvenuti kienu juru stampa ottimista ta’ socjeta` b’attivita` kbira, u bl-ebda mod ma kienu jindikaw li din is-socjeta` Price Club Operators Limited kellha jew seta’ jkollha xi problema finanzjarji serji, s-socjeta` attrici ddecidiet li tkompli tissuplixxi lill-imsemmija Price Club Operators Limited tant illi l-kreditu tas-socjeta` attrici baqa’ jizdied sakemm f’Marzu 2001 lahaq is-somma ta’ mija u hamsin elf, mitejn, tlieta u sittin Lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm150,263.26).

“Peress illi, minkejja l-istampa riflessa fl-*accounts* kif ikkonfermat mir-rapport tal-awdituri datati 13 ta’ Settembru 2000, f’April 2001 s-socjeta` Price Club Operators Limited

intimat li kienet ser twaqqaf il-pagamenti ta’ debitu pendenti.

“Peress illi ghalhekk il-kredituri kollha tal-Price Club hatur konsulenti sabiex jezaminaw il-qaghda finanzjarja u dawn irrelevaw li sal-31 ta’ Dicembru 2000 kien hemm telf totali ta’ diversi miljuni ta’ Liri Maltin.

“Peress illi ftit xhur wara s-socjeta` Price Club Operators Limited iddikjarat li ma kienitx izjed f’posizzjoni li tkompli taghmel pagamenti tant illi nbdew proceduri ghax-xoljiment taghha.

“Peress illi dan kollu jindika illi l-konvenuti agixxew b’mod negligenti u/jew frawdolenti fir-redazzjoni tal-*accounts* u fl-opinjonijiet li esprimew fl-istess *accounts* u li ppublikaw fit-13 ta’ Settembru 2000 b’mod illi pingew stampa li ma kienitx tirrifletti l-qaghda finanzjarja attwali u reali.

“Peress illi a kawza tal-premess is-socjeta` attrici sofriet danni stante li ddecidiet li tkompli tissuplixxi lis-socjeta` Price Club Operators Limited a bazi tal-istampa finanzjarja riflessa biex b’hekk zdied sostanzjalment il-kreditu taghha u ppregudikat il-possibilta` li tirkupra l-kreditu ezistenti f’Settembru 2000.

“Peress illi l-konvenuti debitament interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghal tali danni baqghu inadempjenti.

“Jghid il-konvenut ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. Tiddikjara illi bil-mod kif il-konvenuti hejjew ir-rapport mhux kwalifikat tal-awditur, fir-rigward tas-socjeta` Price Club Operators Limited, l-istess konvenuti agixxew b’mod negligenti u/jew frawdolenti, u b’hekk ikkagunaw danni lis-socjeta` attrici.

“2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici.

“3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju u l-imghax kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol.10) li in forza taghha eccepew illi;

“1. Preliminarjament, illi l-eccipjenti, kemm personalment kif ukoll bhala *partners* ta’ Deloitte & Touche, qatt ma kellhom relazzjoni ta’ kwalsiasi natura mas-socjeta` attrici, u illi s-socjeta` attrici m’ghandha l-ebda dritt ta’ azzjoni kontra taghhom. Ghalhekk, l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

“2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni hawn fuq sollevata, ukoll preliminarjament, l-intempestivita` tal-azzjoni stante li s-socjeta` attrici sal-lum ma sofriet l-ebda hsara u n-nuqqas ta’ interess guridiku biex is-socjeta` attrici tippromuovi din l-azzjoni stante li din hija biss ipotetika u mhux reali.

“3. Subordinatament, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-eccipjenti, kemm personalment kif ukoll bhala *partners* ta’ Deloitte & Touche, jichdu kategorikament kull allegazzjoni ta’ responsabbilta` u ta’ agir frawdolenti jew negligenti da parti taghhom u jiddikjaraw illi huma agew b’diligenza, bi prudenza u bil-hsieb u skond il-ligi u kif tirrikjedi l-professjoni taghhom, u ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Dicembru 2003, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, cahdet it-tieni eccezzjoni fir-rigward tal-ewwel talba tal-atturi, irriservat li tiddeciedi dwar it-tieni eccezzjoni fir-rigward tat-talbiet l-ohra fi stadju ulterjuri, u ordnat li l-kawza tkompli tinstema’ fil-meritu;

Rat li appell minn din is-sentenza gie minn din il-Qorti ddikjarat null peress li gie pprezentat *fuori termine*, u fis-sentenza taghha tat-8 ta' Gunju 2004 (fol. 146), din il-Qorti cioe` l-Qorti tal-Appell astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu;

Rat it-talba tas-socjeta` attrici maghmula b'rikors tas-6 ta' Jannar 2009 (fol. 319) biex tkun awtorizzata tipprezenta fl-atti ta' din il-kawza rapport imhejji minn John B. Zarb wara li dan kien ezamina l-kotba u dokumenti ohra relatati mas-socjeta` Price Club Operators Limited;

Rat l-opposizzjoni li ressqu l-konvenuti b'risposta pprezentata fit-30 ta' Jannar 2009 (fol. 324 tal-atti);

Rat id-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Marzu 2009 li in forza tieghu ddisponiet mit-talba fis-sens li gej:

"Il-Qorti wara li rat it-talba tas-socjeta` attrici biex jigi esebit rapport ta' John B. Zarb fil-kawza msemmija fil-verbal precedenti u peress li fl-istess rapport l-imsemmi John B. Zarb necessarjament esprima opinjoni u peress li wkoll li skond il-Kapitolu 12, xhud bhala tali ma jistax jesprimi opinjoni, tichad din it-talba."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici tas-7 ta' April 2009 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti;

"……tirrevoka, thassar u tannulla d-digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili kif preseduta mill-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi, fl-4 ta' Marzu 2009 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi u minflok joghgobha tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici appellanti kif kontenuta fir-rikors tas-6 ta' Jannar 2009 u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni u dan bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellati *pro et noe*."

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti, ghandha, prevja li tikkonferma d-digriet appellat, tichad l-

appell interpost mill-appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom;

Rat ir-rapport imhejji minn John B. Zarb li gie esebit minghajr pregudizzju f'dawn l-atti sabiex jigi ezaminat minn din il-Qorti ghall-fini ta' din id-decizjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2009;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza s-socjeta` attrici qed issostni li hi kienet u ghada kreditrici tas-socjeta` Price Club Operators Limited, u li tul iz-zmien li din l-ahhar socjeta` kienet ghada qed topera fis-suq, hija accettat li tkompli tissuplixxi lil din il-kumpanija b'merkanzija *on credit* peress li, b'mod negligenti u/jew frawdolenti, il-konvenuti, bhala li gew inkarigati jaghmlu l-*audit* tal-*accounts* tal-kumpanija Price Club Operators, taw "stampa ottimista" tal-operat tal-istess socjeta`, meta fil-fatt irrizulta, minn konsulenti mahtura mill-kredituri, li l-istess kumpanija Price Club Operators kellha "telf totali ta' diversi miljuni ta' Liri Maltin." Wara li sar l-ezami tal-kotba tal-kumpanija Price Club mill-konsulenti tal-kredituri u gew pprezentati r-rapporti taghhom, twaqqfu l-konsenji *on credit* mis-*suppliers*, il-kumpanija Price Club Operators Limited waqfet topera u l-kredituri bdew proceduri ghax-xoljiment tal-istess kumpanija.

Is-socjeta` attrici, li qed tallega li hi wahda mill-kredituri tal-kumpanija Price Club, ghall-fini tal-azzjoni minnha istitwita tablet li tesebixxi r-rapport li wiehed mill-konsulenti tal-kredituri, certu John B. Zarb, kien hejja ghall-iskop tal-kawza ghall-istralc tal-kumpanija Price Club. Il-konvenuti opponew dan peress li qiesu li r-rapport sar ghall-iskop partikolari u mhux ghall-fini ta' din il-kawza, u anke ghaliex, kif ammetta l-istess konsulent, hu ma kien ghamel "ebda *enquiry* fuq kif sar l-*audit*", meta hu l-operat taghhom li qed jigi attakkat f'din il-kawza.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba ghall-presentata ta’ dan ir-rapport wara li qieset li xhud “bhala tali” ma jistax jesprimi opinjoni. Ma jidhirx li l-ewwel Qorti ezaminat ir-rapport li tieghu intalbet l-ezibizzjoni qabel ma tat id-digriet taghha.

Din il-Qorti tirrileva, fl-ewwel lok, li l-fatt li dokument jigi ppreparat ghal skop partikolari, jew ghall-fini ta’ kawza partikolari, ma jfissirx li dak l-istess dokument ma jistax jintuza ghall-fini ta’ kawzi ohra, dejjem jekk dak l-istess dokument ikun rilevanti ghall-iskopijiet tal-kawzi l-ohra. Diment li rapport ikun rilevanti, huwa ammissibbli f’kawza, indipendentement mill-iskop li ghalih gie originarjament konfezzjonat, u salv dejjem li ma jkunx hemm xi *exclusionary rule of evidence* partikolari.

Fit-tieni lok, ghandu jigi osservat li, fit-termini tal-Artikolu 563A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), <u>opinjoni</u> ta’ xhud hi ammissibli jekk tinghata minn persuna li jkollha l-kwalifiki mehtiega dwar dik il-kwistjoni (Art. 563A(1)). Fil-fatt, anke opinjoni li dwarha xhud mhux kwalifikat hi ammissibli bhala prova jekk dik ix-xhieda “tinghata b’mod li jinghadu fatti rilevanti li jkunu gew konstatati personalment” mix-xhud (Art. 563A(2)). Ghalhekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma kienitx korretta l-ewwel Qorti meta cahdet it-talba ghall-prezentata tar-rapport ghar-raguni li l-istess hija jew fiha “opinjoni”, meqjus ukoll l-fatt li x-xhud stess stqarr illi huwa, fir-rapport tieghu, irrapporta “<u>fatti</u> u opinjonijiet”. L-ewwel Qorti kellha l-ewwel tistharreg il-kwalifiki tax-xhud, u jekk tqis li dawn kienu jaghmlu lix-xhud persuna kwalifikata fuq il-kwistjoni, tammetti r-rapport kemm ghal dak li jirrigwarda fatti kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-opinjonijiet minnu espressi – dejjem jekk dawn il-fatti u opinjonijiet ikunu rilevanti ghall-kaz.

Din il-Qorti ezaminat ir-rapport ta’ John B. Zarb u tara’ li fil-kuntest tal-“*brief*” li nghatalu, hu dahal ukoll fil-kwistjoni dwar il-mod ta’ kif il-kumpanija Price Club kienet qed izzomm l-*accounts*. Ix-xhud esprima opinjoni li l-*accounting system* tal-Price Club ma kienitx mibnija fuq bazi soda b’mod li jigi kkontrollat l-andament tan-negozju. Hu ezamina fid-dettal is-sistema tal-*accounting* li kienet

topera bih il-kumpanija Price Club u spjega ghaliex hu kien ta' dik l-opinjoni. Jista' jkun li din is-sistema ma kienux joperawha direttament il-konvenuti, peress li l-Price Club, wisq probabbli, kellha l-*accountants* taghha li kienu jhadmu u joperaw is-sistema *on a day-to-day basis*. Pero`, jekk din l-opinjoni tirrizulta minnha jew ma tigix kontradetta, kellhom tort l-awdituri li ma ndunawx b'dan, jew ma gibdux l-attenzjoni ta' dan fl-*audit report* taghhom jew ma kkwalifikawx l-istess *audit*? Din hi kwistjoni li tolqot il-meritu u, fl-ewwel lok, trid ghalhekk taraha l-ewwel Qorti, pero`, zgur li din l-opinjoni ta' John B. Zarb, jekk jitqies li ghandu "l-kwalifiki mehtiega", ma tistax titqies irrilevanti jew tigi mwarba. Ovvjament mhux kompitu ta' din il-Qorti, f'dan l-istadju, li tezamina l-*accounts* tal-kumpanija u l-operat tal-konvenuti fil-kuntest ta' dawk l-*accounts*, u kull argument dwar il-meritu tal-opinjoni tas-Sur Zarb u sa fejn kien jasal l-operat tal-konvenuti ghandu jithalla impregjudikat. Lanqas ma hi din il-Qorti sejra tidhol, f'dan l-istadju, fi studju dwar l-iskop tal-*audited financial statements*, peress li din hi materja li wkoll tolqot il-meritu tal-azzjoni.
Li qed tghid din il-Qorti hu biss li r-rapport ta' John B. Zarb jikkontjeni esposizzjoni ta' fatti u opinjonijiet li *prima facie* jidhru li huma rilevanti ghall-kaz, u l-ewwel Qorti ghandha, wara li tistharreg fuq il-kwalifiki tax-xhud, tara kif u sa fejn ghandha taccetta dak ir-rapport skond ma jinghad fl-Artikolu 563A(1) u (2) tal-indikat Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici billi, wara li tiddikjara li l-prova li trid taghmel hi *prima facie* rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza, tirrevoka d-digriet tal-ewwel Qorti tal-4 ta' Marzu 2009, u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex l-istess Qorti fuq din il-kwistjoni, wara li tistharreg fuq il-kwalifiki tax-xhud John B. Zarb, tara ghandhiex taccetta bhala prova, *in toto* jew in parte, ir-rapport mhejji mix-xhud, u dan fit-termini tal-Artikolu 563A tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

L-ispejjez ta' din il-kwistjoni quddiem din il-Qorti jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------